MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.
MARIO SCERRI**

Seduta tat-8 ta' Mejju, 2007

Talba Numru. 2/2006

Carmel u Rose konjugi Spiteri u b'Nota tas-16 ta' Marzu 2007, l-Avukat Dottor Joseph Grech assuma l-atti tal-kawza minflokom wara li l-istess atturi siefru minn dawn il-Gzejjer

vs

Andrea Farrugia

It-Tribunal,

Ra l-avviz tat-talba tal-atturi li jghid hekk :

"Tghid il-ghaliex inti konvenut m'ghandekx tkun ikkundannat thallsu s-somma ta' tliet mija u hamsin lira Maltin (Lm350) bhala prezz ta' xoghol li sar fuq il-vettura tieghek tal-marka Mazda RX7 kkunsinnata, bl-imghax legali mid-data tal-kunsinna sad-data ta' l-effettiv pagament.

Bl-ispejjez inkluzi dawk ta’ l-ittri interpellatorji u kif ukoll dawk ta’ l-ittra ufficjali spedita lilek.

Bl-ingunzjoni ghas-subizzjoni li minn issa inti konvenut diga’ inti ngunt.”

Ra r-Risposta tal-konvenut li tghid hekk :

“Illi l-ebda ammont ma huwa dovut, anzi’ huma l-atturi illi jridu jhallsu lill-konvenut ghal hsarat, xogholijiet hziena, u danni li saru fil-vettura tieghu tat-tip RX7 bin-numru ta’ registrazzjoni DIV-420.

Salvi eccezzjonijiet ulterjuri.”

Ra wkoll il-kontro-talba tal-konvenut li tghid hekk :

“Illi l-konvenut xtara vettura tat-tip Mazda RX7 tal-lewn silver bl-affarijiet u l-equipment kif ahjar elenkati fid-Dok.A.

Illi l-konvenut kien ha din il-vettura ghal xi tiswijiet ghand l-atturi u dan sabiex isewwihielu l-ghaliex kienet qeghda taghmel iz-zejt;

Illi waqt li din il-vettura kienet ghand l-atturi saru diversi xogholijiet ohra u dan kif indikati fid-Dok.B;

Illi din il-vettura damet ghat-tiswija ghand l-atturi ghal kwazi sebgha (7) xhur shah;

Illi wara li l-konvenut reggha inghata lura l-vettura tieghu tat-tip Mazda RX7 bin-numru ta’ registrazzjoni DIV-420, huwa skopra illi kien hemm bicca equipment/part mill-vettura nieqsa;

Illi din il-bicca equipment/part hija maghrufa bhala Apexi Power FC Engine Management;

Illi sabiex tinxtara din il-part li sfat nieqsa waqt li kienet fil-kustodja tal-atturi l-imsemmija vettura, il-konvenut jehtieglu jhallas is-somma ta’ Lm520 u dan skond stima hawn annessa (Dok.C);

Ghaldaqstant il-konvenut jitlob lil dan it-Tribunal sabiex jikkundanna lill-atturi jhallsu lill-konvenut is-somma ta' hames mija u ghoxrin liri Maltin (Lm520), bl-ispejjez u bl-imghaxijiet skond il-ligi."

Ra r-Risposta tal-atturi ghal kontro-talba tal-konvenut li tghid hekk :

"Illi l-vettura msemmija, bin-numru DIV-420, qatt ma kellha installat fuqha l-part Apexi Power FC Engine management u dana fiz-zmien meta l-istess vettura kienet qeghda fil-pussess ta' l-atturi.

Salvi eccezzjonijiet ulterjuri."

Ra l-atti kollha tal-kawza;

Ikkunsidra :

Dwar it-talba tal-konvenut verbalizzata fl-udjenza tat-18 ta' Dicembru 2006, ghall-isfilz tal-affidavit tal-attur Carmelo Spiteri, dan it-Tribunal sejjer jichadha ghal raguni li b'dak li gie ddikjarat fl-affidavit tal-attur Carmelo Spiteri, il-fatti huma sostanzjalment korroborati mix-xhieda ta' martu Mary Rose Spiteri, Manwel Camilleri, u Frank Spiteri li gew kontro-ezaminati mill-konvenut. Is-sitwazzjoni pero' ma kenitx tkun necessarjament l-istess li kieku xehed biss l-attur u ma ressaq ebda xhieda ohra. Ghalkemm il-konvenut ghandu kull dritt li jaghmel il-kontro-ezami ta' kull xhud imressaq mill-atturi, inkluz tal-attur innifsu kemm ta' xhieda li ssir bil-procedura tal-affidavit kif ukoll ta' xhieda li ssir *viva voce*, it-Tribunal wara li ezamina bir-reqqa x-xhieda kollha fil-kawza, ma jara li hemm ebda pregudizzju serju ghall-konvenut li ma kellux l-opportunita' li jaghmel il-kontro-ezami tal-attur. Il-piz probatorju tax-xhieda tal-attur irid jitqies fid-dawl kemm ta' xhieda ohra tal-atturi li gew kontro-ezaminati mill-konvenut kif ukoll fid-dawl tax-xhieda tal-istess konvenut u ta' dawk imressqa mill-konvenut ukoll. It-Tribunal ezamina bir-reqqa x-xhieda kollha, u determinanti ghas-soluzzjoni tal-vertenza mhijiex biss u semplicement ix-xhieda tal-attur izda l-affidavit tal-

attur bhala prova fiha nnifiha irid jigi ezaminat fid-dawl ta' provi u cirkostanzi ohra li jirrizultaw mill-kwadru shih u kumpless tal-provi kollha fil-kawza. Bis-semplici kontro-ezami ta' xhud minghajr ma x-xhieda moghtija minnu tigi ezaminata taht il-lenti u mgharbla minn provi u cirkostanzi ohra indipendenti, mhijiex bizzejjed biex twassal lil dan it-Tribunal jiddeciedi favur jew kontra t-talba tal-attur. Il-piz probatorju li t-Tribunal ser jaghti lix-xhieda tal-attur huwa biss dwar fatti li huma korroborati minn xhieda ohra li gew kontro-ezaminati kif ukoll minn cirkostanzi ohra li jirrizultaw lil dan it-Tribunal minn xhieda ohra li ressaq il-konvenut li jikkonvincu lill-istess Tribunal li dak li l-attur qed jiddikjara taht gurament ghandu mis-sewwa u li jishoqqlu jigi emmnut.

Fil-meritu, il-fatti li jirrizultaw mill-atti huma fil-qosor u sostanzjalment is-segwenti :

(i) Ghall-habta ta' Novembru jew Dicembru 2004, il-konvenut ha l-vettura tieghu tal-ghamla Mazda RX7 ghal xi tiswijiet ghand l-attur;
(ii) Ix-xogholijiet li saru mill-attur fuq il-vettura tal-konvenut kif ukoll il-parts li gew mibdula, u l-pagamenti li saru mill-konvenut jirrizultaw mid-dokument B a fol.13 u mid-dokumenti a fol.24 u 25 tal-process;
(iii) Il-konvenut ha lura l-karozza fil-5 ta' Marzu 2005;
(iv) Mill-kont ta' elf tliet mija u disa' u sebghin liri maltin u centesimu (Lm1379.01) il-konvenut ghamel hlas akkont ta' Lm500 fil-5 ta' Marzu 2005, meta ha l-karozza minghand l-attur, u sussegwentement il-konvenut ghamel sitt pagamenti ohra akkont ta' Lm100, Lm50, Lm100, Lm100, Lm50, u Lm100 u halla bilanc ta' tliet mija u disa' u sebghin liri maltin (Lm379);
(v) Mill-bilanc ta' tliet mija u disa' u sebghin liri Maltin (Lm379), l-atturi naqqsu s-somma ta' disgha u ghoxrin lira maltin (Lm29) ghal xi hsara zghira accidentali li l-attur kien ghamel waqt li kien qed isuq il-karozza tal-konvenut ghall-garaxx tieghu ghat-tiswija meta barax parti mill-qiegh tal-karozza ma' gandott li kien hemm fit-triq;
(vi) Il-konvenut mhuwiex jilmenta mix-xoghol li ghamel l-attur jew mill-hlas li qed jitolbu l-attur, izda qed jilmenta li meta l-karozza tieghu kienet ghand l-attur, dan bidlilha

bicca apparat maghruf bhala Apexi Power FC engine management, u skond il-konvenut, konsegwenza ta’ hekk il-karozza tieghu ma baqghetx ittella’ certu velocita’ bhal qabel, u jippretendi minghand l-atturi l-hlas ta’ kemm jiswa dan l-apparat li skond hu, gie nieqes, li skond stima esibita minnu stess, il-prezz ta’ dan l-apparat huwa ta’ hames mija u ghoxrin lira Maltin (Lm520).

Stabbiliti dawn il-fatt, jirrizulta mix-xhieda tal-konvenut a fol.58 li huwa mhuwiex jilmenta mix-xoghol li sar mill-attur jew mill-hlas pretis mill-attur ghal dan ix-xoghol. La qed jlmenta u lanqas ma ressaq ebda provi f’dan ir-rigward, u ghalhekk safejn jirrigwarda t-talba tal-attur ghall-hlas tas-somma bilancjali ta’ tliet mija u hamsin lira maltin (Lm350) ghax-xoghol li ghamel l-attur fuq il-vettura tal-konvenut, din hija gustifikata u timmerita li tigi milqugha.

A rigward il-kontro-talba tal-konvenut, hemm verzjonijiet kontrastanti. Minn naha l-wahda hemm il-konvenut li qed isostni li l-vettura tieghu kienet mghammra b’Apexi Power FC engine management li l-attur bidillu ma’ apparat iehor ECU, u minn naha l-ohra hemm l-attur li qed jichad li l-vettura tal-konvenut fil-mument li dahhlet ghandu ghat-tiswija kienet mghammar bl-apparat li qed isemmi l-konvenut. Minn naha taghhom l-atturi pproducew bhala xhieda lil Manwel Camilleri u Frank Spiteri fejn dawn cahhdu li l-vettura tal-konvenut kienet mghammra b’dan l-apparat maghruf bhala Apexi Power FC engine management filwaqt li minn naha tieghu l-konvenut ipproduca zewg xhieda ohra lil George Pace u Neil Aquilina fejn dawn xehedu li l-karozza tieghu kienet mghammra b’dan l-apparat. Mill-provi prodotti t-Tribunal qed jifhem li d-differenza bejn apparat u iehor hija biss li l-Apexi Power FC engine management ghandha l-istess funzjoni bhal ECU bid-differenza li bl-Apexi Power FC engine management il-vettura tkun tista’ tigi programmata manwalment biex tinstaq b’velocita’ akbar minn apparat simili li jkun ECU standard tal-fabbrika li jkun programmat biss li jtella’ sa certu limitu ta’ velocita’.

It-Tribunal ezamina bir-reqqa x-xhieda u c-cirkostanzi kollha u jinsab perpless kif il-konvenut minkejja li skond

hu, sar jaf li l-apparat ma kienx l-istess wiehed bhalma kellu qabel ma ha l-karozza ghat-tiswija ghand l-attur, huwa baqa' jaghmel pagamenti akkont almenu sa Lulju jew bidu ta' Awwissu 2005, u jirrizulta mill-atti li ghamel b'kollox sebgha pagamenti minn dak in-nhar li ha l-vettura minghand l-attur. Barra minn hekk baqa' m'gharraf b'xejn lill-atturi b'dak li skond hu, kien induna li gara, minkejja li kien ltaqa' mal-attur wara l-Max Power racing show, li saret f'Gunju 2005. L-attur siefer minn Malta f'Settembru 2005, u martu tikkoferma li sa meta siefer, zewgha gie f'kuntatt diversi drabi mal-konvenut kemm bit-telefon kif ukoll personalment fil-motor racing track ta' Hal Far. Ix-xhud Neil Aquilina prodott mill-konvenut jikkorrobora dan u jikkonferma li xi xahar wara l-Max Power racing show il-konvenut u l-attur kienu ltaqghu flimkien Hal Far. Meta konfrontat max-xhud  George Pace rrizulta li l-konvenut sar jaf bl-apparat allegatament mibdul fil-karozza tieghu qabel u mhux wara l-Max Power racing show, madwar gimghatejn qabel din it-tigrija. It-Tribunal ma jarahiex kredibbli l-verzjoni tal-konvenut, li f'certu aspetti mportanti lanqas ma taqbel max-xhieda ta' Neil Aquilina u George Pace. It-Tribunal isibha ferm difficli li jemmen ix-xhieda tal-konvenut li ma qal xejn lill-attur b'dak li kien induna li l-apparat kien gie mibdul, meta jirrizulta li l-attur kien gie f'kuntatt mieghu kemm il-darba bit-telefon u personalment sa ma siefer, dwar il-hlas li kien baqghalu jaghtih il-konvenut, u l-konvenut kien baqa' ma semmielu xejn dwar dan l-apparat li qed jikkontendi li sab li gie mibdul a dannu tieghu, u halla lill-atturi jaghmlulu l-kawza biex ippropona l-kontro-talba tieghu. It-Tribunal isibha wkoll ferm difficli li jemminha l-verzjoni tal-konvenut li minkejja li kien nbidillu dan l-apparat ma' iehor ta' kwalita' inferjuri, huwa xorta wahda rnexxielu jigi t-tieni wiehed fil-Max Power racing show, fejn kif stqarr hu, ikkompeta ma' mitt karozza ohra. Kurjuz ukoll huwa l-fatt li minkejja li l-konvenut huwa daqstant dilettant tat-tlielaq tal-karozzi, baqa' ma biddilx dan l-apparat li skond hu kien gie misruq jew mibdul mill-vettura tieghu waqt li kienet f'idejn l-attur, u baqa' ma xtarax iehor u kull ma pprezenta biss kienet *qoutation* ta' kemm jiswa apparat simili. Fil-kwadru ta' dan kollu, it-Tribunal ma jsibx il-verzjoni tal-konvenut dwar il-kontro-talba tieghu wahda attendibbli. Kif gie ritenut mill-Qorti

Civili Prim'Awla, fil-kawza : **Carmelo Farrugia vs Rokku Farrugia**, deciza fl-24 ta' Novembru 1966, dwar l-apprezzament tal-provi u l-piz li ghandu jinghata mill-Qorti lil certu provi u liema ghandhom jigu skartati jew eliminati :

" Illi huwa veru li hemm konflitt kbir bejn il-verzjoni ta' l-attur u dik tal-konvenut, izda mhux kwalunkwe tip ta' konflitt ghandu jhalli lill-Qorti f'dak l-istat ta' perplessita' li minhabba fih ma tkunx tista' tiddeciedi b'kuxjenza kwieta u jkollha taqa fuq ir-regola ta' l-"in dubio pro reo". Il-konflitt fil-provi, sakemm il-bniedem jibqa' soggett ghal l-izbalji tal-percezzjonijiet tieghu u ghall-passjoni, huwa haga li l-Qrati jridu jkunu dejjem lesti ghaliha, imma meta dan il-konflitt ma jkunx gej minn semplici differenza ta' opinjoni fuq affarijiet li jippermettu certu grad ta' tolleranza u li ghalihom sewwa inghad li "tot homines tot sententiae", u lanqas ma jkun gej minn verzjonijiet differenti "bona fide" fuq incidenti li jigru u jintemmu malajr u ghalarrieda, e.g. identita', velocita' ta' vejikoli, u cirkostanzi ohra subitanei li fuqhom, skond l-esperjenza komuni, s-sensi jistghu jitqarqu, imma ghal-kuntrarju dan il-konflitt jkun jirrigwarda fatti u abitudinijiet li jkunu setghu gew osservati f'perjodu twil ta' snin, bhal f'dan il-kaz, allura jsir car li xi wiehed mill-kontendenti jkun halla l-interess u l-passjoni jelbuh u b'hekk jabbuza mill-process tal-gustizzja. Meta l-kaz ikun hekk, il-Qorti m'ghandix taqa comb fuq l-iskappatoja tad-dubju, imma ghandha tezamina bl-ikbar reqqa jekk xi wahda miz-zewg verzjonijiet, ghandhiex teskludi lill-ohra, anke' fuq bilanc tal-probabilita' u tal-preponderanza tal-provi, ghax dawn, f'kawzi civili, huma generalment sufficjenti ghall-konvinciment tal-gudikant, eccezzjoni ta' xi kazijiet gravi li m'ghandhomx rassomiljanza mal-kaz prezenti [Formosa utrinque, P.A. 1974, konfermata fl-Appell, 22 ta' Marzu 1965]. Anzi', f'kazijiet bhal dawn, aktar ma jkun il-konflitt bejn verzjoni u ohra, aktar tidher il-possibilita' tal-qerq da parti ta' xi wiehed mill-kontendenti.
Illi huwa evidenti li fil-kaz prezenti, iz-zewg kontendenti (u r-rispettivi nisa taghhom) ma jistghux ikunu t-tnejn in buona fede. Mela wiehed minnhom hu in mala fede u l-verzjoni tieghu ghandha tigi skartata. Issa x-xhieda kollha li m'humiex parti fil-kawza u t-"test" tal-verosomiljanza jiffavorixxu ferm izjed il-verzjoni ta' l-attur u l-Qorti issib li

din hi aktar fededenja u ghalhekk takkoljha u tiskarta dik tal-konvenut. ”

Jiddeciedi ghaldaqstant billi jilqa’ t-talba tal-atturi u jikkundanna lill-konvenut sabiex ihallashom l-ammont ta’ tliet mija u hamsin liri Maltin (Lm350) bhala bilanc ta’ prezz ta’ tiswijiet fuq il-vettura tal-konvenut tal-ghamla Mazda RX7 bin-numru ta’ registrazzjoni DIV420, li saru mill-attur Carmelo Spiteri fuq inkarigu tal-konvenut, bl-imghaxijiet b’effett mill-hamsa (5) ta’ Marzu elfejn u hamsa (2005), meta hareg il-kont sal-effettiv pagament. Bl-ispejjez a karigu tal-konvenut. Dwar il-kontro-talba, din qed tigi michuda,ghal-motivi fuq premessi bl-ispejjez taghha wkoll a karigu tal-konvenut.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------